MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
PETER BORG COSTANZI**

Seduta tal-5 ta' Mejju, 2005

Talba Numru. 1251/2004

**John Rausi ghan-nom ta' Rausi Company Limited**

**Vs**

**Quality Turnkey Contractors Limited**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu l-attur talab il-hlas tas-somma ta' Lm553.47c (hames mija u tlieta u hamsin lira Maltin u sebgha w erbghin centezmu) rapprezentanti merkanzija mibjugha u kkonsenjata lis-socjeta' konvenuta.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm is-socjeta' konvenuta giet debitament notifikata bl-Avviz, ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma dehret ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mill-attur u l-fatt li s-socjeta' konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tal-attur tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas is-somma ta' Lm553.47c (hames mija u tlieta u hamsin lira Maltin u sebgha w erbghin centezmu), bl-imghax kif mitlub. L-ispejjez huma a karigu tas-socjeta' konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------